MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2012

Numru. 107/2010

**Il-Pulizija**

**(Spettur Josric Mifsud)**

**VS**

**Veneranda Xuereb ta' 68 sena bint Pawlu Azzopardi u Guzeppa nee' Spiteri, imwielda Ghajnsielem, nhar is-17 ta' Ottubru 1943, residenti fil-fond numru 13, Triq Sant'Elija, Ghajnsielem u detentrici tal-karta ta'l-identita' bin-numru 39543(G)**

**U**

**David Xuereb ta' 67 sena, bin Wenzu u Carmen nee' Azzopardi, imwieled Ghajnsielem, nhar il-05 ta' Lulju 1944, residenti fil-fond numru 13, Triq Sant'Elija, Ghajnsielem u detentur tal-karta ta'l-identita' bin-numru 58244(G)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputati Veneranda Xuereb u David Xuereb, akkuzati talli nhar is-26 ta' Novembru 2010 gewwa Triq Sant Liju, Ghajnsielem (Ghawdex), ghal habta ta' bejn il-erbgha nieqes kwart u l-erbgha (1545 – 1600hrs) ta' wara nofs in-nhar:

a. volontarjament ikkagunaw griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Jack William Wright billi tawh daqqiet b'oggett iebes (lasta ta' xkupa) lil imsemmi Jack William Wright f'wiccu w f'rasu.
b. Volontarjament ikkagunaw griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Jack William Wright billi taw daqqiet lil imsemmi Jack William Wright f'wiccu w f'rasu.
c. Talli l-istess data, hin, lok u cirkustanzi hebbew kontra Jack William Wright sabiex jingurjaw, idejjqu jew jaghmlu hsara lil din il-persuna jew lil haddiehor, u dana bi ksur ta'l-artikolu 339(1)(d) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.
d. Ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u bil-glied u dan bi ksur ta'l-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Lil Veneranda Xuereb wahedha biss talli:
e. volontarjament ikkagunat griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Jannette Teresa Gloria Violet Wright billi tatha daqqiet b'oggett iebes (lasta ta' xkupa) lil imsemmi Jannette Teresa Gloria Violet Wright.
f. Involontarjament hassret, ghamlet hsara jew gharrqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' nuccali, gizirana, kif ukoll qmis fejn il-valur totali huwa aktar minn €116.47 ghad-dannu ta' Jannette Teresa Gloria Violet Wright.

Lil David Xuereb biss talli:
g. involontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' qmis fejn il-valur mhux aktar minn €116.47 ghad-dannu ta' Jack William Wright.

h. U fl-ahhar talli irrendew ruhom recidivi ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gew misjuba hatja b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Ghawdex, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti esebieti u l-atti kollha ta' dana il-procediment.

Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tas-16 ta' Mejju 2011.

Semghet lill-imputati jiddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni sabiex dana l-kaz jigi ttrattat bil-procedura sommarja minn din il-Qorti.

Semghet il-provi.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi minn qari tan-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali jidher illi b'mod ewlieni, lill-imputati qed jigu addebitati r-reati tal-offiza volontarja gravi u r-reat tal-hsara volontarja.

Jidher illi bejn l-imputati u l-parte civile, il-koppja Wright kien hemm certa animosita u dana minhabba disgwid li kien hemm bejniethom in konnessjoni mal-klieb tal-istess parti leza. Jidher illi l-imputati kienu qed jallegaw illi meta l-koppja Wright johorgu l-klieb taghhom ghall-passiggjata huma jehduhom jaghmlu l-bzonnijiet naturali taghhom f'eghlieqi li huma proprjeta taghhom. Ghal dana l-fatt jidher illi l-imputati kienu ripetutament qed joggezzjonaw u minhabba f'hekk kien qed ikun hemm konfrontazzjoni bejnhom u bejn il-parti leza. Il-koppja Wright izda issostni illi huma kienu ghamlu l-verifiki kollha necessarji sabiex jaraw min hu s-sid tal-eghlieqi in kwistjoni u gew infurmati sahansitra mill-Kunsill Lokali tal-lokal illi l-art ma kienet tghajjat lill-ebda persuna u ma kinitx ghalhekk tappartjeni lill-koppja Xuereb. Kien minhabba f'dina r-raguni illi l-

koppja Wright baqghet tiehu l-klieb taghha ghall-passiggati fl-istess post. L-imputati madanakollu baqghu joggezzjonaw ghal dana l-fatt tant illi anke fl-ghodwa tal-jum ta’ dana l-incident kien hemm konfrontazzjoni bejn l-imputata Veneranda Xuereb u Jannette Wright meta hija harget lil klieb taghha darbtejn ghall- passiggjata. Fil-fatt Wright issostni illi f’dawn iz-zewg okkazzjonijiet l-imputata harget tghajjarha, izda peress illi kienet qed tkellimha bil-Malti, hija ma setghetx tifhem wisq x’kienet qed tghidliha u ghalhekk injoratha u baqghet ghaddejja.

Gara izda illi fil-hin tal-incident Jannette Wright regghet harget il-klieb taghha flimkien mar-ragel taghha Jack Wright li wkoll kellu kelb iehor fuq ic-cinga. F’dana l-hin l-imputat David Xuereb kien qieghed idahhal il-vettura tieghu fil-garaxx u osserva lill-koppja Wright iduru bil-klieb taghhom. Hawnhekk David Xuereb ikkonfronta lil Wright fejn Wright minn naha tieghu talbu sabiex jurih id-dokumenti li jindikaw illi l-art kienet proprjeta tieghu. Jidher illi dawn bdew ighajjtu f’wicc xulxin u kien hawn illi Xuereb imbotta lill-parti leza, dana spicca waqa’ mal-art u hawnhekk huma gew fl-idejn. Jidher illi ftit tal-hin wara harget ukoll l-imputata Veneranda Xuereb li kellha lasta ta’ xkupa f’idejha u bdiet issawwat lil Wright biha filwaqt illi dan tal-ahhar kienu ghadu mixhut mal-art, tant illi dina l-lasta tal-ixkupa inqasmet mad-daqqa. Il-parti leza jikkontendi illi hawn huwa storda izda Xuereb baqghet ittih b’dina l-lasta. Jidher illi Jannette Wright ghalhekk ippruvat tiehu dina l-lasta ta’ xkupa minn idejn l-imputata u filwaqt li kienet qed tissara maghha, hija spiccat ingirfet b’dina l-lasta tal-ixkupa li issa kienet maqsuma, waqalha n-nuccali minn ghajnejha u anke tikkontendi illi kellha gizirana f’ghonqha li spiccat giet imqaccta mill-imputata. Hija tghid ghalhekk illi soffriet hsara fin-nuccali tal-vista u anke fil-gizirana li tqacctet u ntilef il-pendent li kellha mieghu. Ta’ dan gew esebiti ricevuti li jindikaw il-valur ta’ dawn l-oggetti.[1]

[1] Ara Dokumenti JW1, a fol. 61, JW4 a fols. 64 u 65.

Illi l-imputati irrilaxxjaw stqarrija lill-pulizija meta gew interrogati.[2] Illi hawnhekk l-imputata Veneranda Xuereb taghti l-verzjoni taghha ta’ kif sehh dana l-incident dana ghaliex hija taghzel li ma tixhidx fil-kawza. Hija tikkontendi illi kienet fid-dar taghha meta semghet l-ghajjat u meta ttawlet innotat lil zewgha qieghed jiggieled ma’ Jack Wright. Hija ghalhekk harget tiddefendieh b’lasta ta’ xkupa f’idejha. Tikkonferma illi hija bdiet taghti daqqiet fuq il-persua ta’ Wright izda ma tiftakarax fejn laqtitu u kemm il-daqqa tatu. Illi min-naha tieghu David Xuereb ighid illi kien Wright li avvicinah u beda jghajjat f’wiccu tant illi huwa imbuttah. Ghalkemm fl-istqarrija tieghu l-imputat isostni illi hawnhekk Wright ipprova jxejjirlu daqqa ta’ ponn u ma laqtux ghax kien iqsar madanakollu meta mbaghad joffri x-xhieda tieghu fil-Qorti huwa jikkontendi illi fil-fatt Wright tah daqqa ta’ ponn  u laqtu taht ghajnejh. Imbaghad rega ipprova jaghtih daqqa ohra izda ma laqtux. Xuereb jikkontendi illi anke huwa sofra griehi f’dana l-incident u gie esebit certifikat mediku f’dana r-rigward.[3]

Illi f’dana l-incident Jack William Wright sofra diversi griehi fosthom qasma fuq mohhu li baqghet marka permanenti u kwindi giet ikklassifikata bhala ferita ta’ natura gravi.[4] Minn naha taghha Jannette Wright sofriet griehi ta’ natura hafifa u dana kif jirrizulta mix-xhieda ta’ Dr. Michael Portelli.[5]

Ikkunsidrat:

L-imputati jinsabu akkuzati bir-reat tal-offiza gravi fuq il-persuna ta’ Jack William Wright. Jinghad qabel xejn illi sabiex jissusti ir-reat tal-offiza volontarja, hi mehtieg l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. “Jekk l-intenzjoni tal-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu f’mohhu li jaghmel, hu jrid iwiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta’ l-ghemil tieghu.”

[2] Ara stqarrija ta’ Veneranda Xuereba fol. 10 (Dokument C) u dik ta’ David Xuereb a fol.12 (Dokument D)
[3] Ara certiikat mediku a fol.99 Dokument A.
[4] Ara xhieda ta’ Dr. Michael Portelli  a fols. 48 u 49 u certifikat mediku a fol.8
[5] Ara xhieda a fol. 48 u 49 u certifikat mediku a fol.9

(ara sentenza Il-Pulizija vs Emanuel Zammit deciza Appelli Kriminali 30/03/1998).

Illi ma hemmx dubbju mill-provi akkwiziti illi l-ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Jack William Wright tikkonsisti fil-farrett li ghandu fuq mohhu. Illi ma hemmx dubbju lanqas illi dina l-ferita giet ikkagunata meta l-imputata Veneranda Xuereb xejret daqqa fuq ras Wright b'lasta ta' xkupa li sahansitra spiccat biex inqasmet f'zewg jew tlett bicciet tant illi fuq feles minn dina l-ixkupa hemm id-demm.[6] Dana jghiduh kemm il-parti leza, kif ukoll l-imputati stess. Veneranda Xuereb issostni fl-istqarrija rilaxxjata minnha lill-pulizija illi hija bdiet issawwat lil Wright bl-ixkupa u lanqas taf fejn laqtitu. Dana jikkonfermah zewgha wkoll.

Kwindi il-Qorti ma tistax issib lill-imputat David Xuereb hati ta' dina l-ferita ta' natura gravi billi kienet l-imputata Veneranda Xuereb kif diga nghad li uzat il-lasta tal-ixkupa fuq il-persuna ta' Wright.

L-imputata Veneranda Xuereb madanakollu issostni illi hija agixxiet b'dana l-mod sabiex tiddefendi lil zewgha u lilha nnifisha mill-aggressjoni li kien qieghed jissubixxi minn ghand Jack Wright.

Illi l-artikolu 223 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi:

"Ma hemmx reat meta l-omicidju jew l-offiza fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mil-ligi jew mill-awtorita legittima, **jew mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed innifsu jew ta' haddiehor**."

L-artikolu 224, imbaghad jelenka is-sitwazzjonijiet fejn dina l-iskriminanti tista' tigi applikata. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Psaila deciza fl-20 ta' Jannar 1995 inghad:
"***Sabiex id-difiza tal-legittima difiza tigi invokata b'success, il-ligi timponi certi kundizzjonijiet. Cjoe'***

[6] Ara Dokument J konsisteni f'lasta ta'l-ixkupa.

***theddid ta' xi agressjoni jew dannu jrid ikun ingust, gravi u inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli kif ukoll biex jigi evitat perikolu li ma setax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri l-periklu ghandu jkun attwali, istantanju u assolut u ma jridx ikun xi perikolu anticipat, ghax dan jista' jaghti lok biss ghall-provokazzjoni u mhux difiza legittima."***

Illi l-Qorti tqis illi dana ma kienx kaz ta' perikolu anticipat u inoltre l-imputata irreagixxiet b'mod kemmxejn vjolenti f'dana l-incident kollu. Illi l-Qorti tistqarr minghajr tlaqliq illi ma temminx il-verzjoni tal-imputat u l-imputata dwar l-incident. Ma hemmx dubbju illi l-imputat u anke martu kienu rrabjati mhux ftit ghall-konjugi Wright, tant illi f'dik il-ghodwa l-imputata kienet diga harget tghajjar lil Jannette Wright fiz-zewg okkazzjonijiet li ratha. Dan it-tielet incident kien kontinwazzjoni ta' dak li kien sehh fil-ghodu. Fil-fatt il-Qorti temmen illi kien l-imputat David Xuereb li ikkonfronta lil Wright kif lemahhom regghu hergin bil-klieb, tant illi Wright wiegbu u talbu jurih dokumenti bhala prova li huwa s-sid tal-art ikkontestata.

Illi f'sentenza ohra deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fis-26 ta' Awissu 1998, fis-sentenza Il-Pulizija vs Augusto Auguliaro inghad:

***"Mhux kull min jagixxi biex jiddefendi ruhu necessarjament jista' jinvoka dana l-artikolu. Il-ligi titkellem car dwar bzonn attwali ta' difiza legittima ta' dak li jkun jew ta' haddiehor. Kemm fid-dottrina kif ukoll fil-gurisprudenza taghna, huwa ormai stabbilit li, biex wiehed jista' jinvoka dina l-iskriminanti, l-aggressjoni subita trid tkun ingusta, gravi u inevitabbli."***

Dana certament ma kienx il-kaz iktar u iktar meta wiehed iqis illi l-imputata Veneranda Xuereb attakkat lil Wright meta dana kien mixhut fl-art u ghalhekk ma seta joffri l-ebda resistenza.

Illi lanqas ma tista' tirrizulta l-iskriminanti tal-eccess tal-legittima difeza, liema dottrina hija esposta fl-artikolu 227(d) tal-Kodici Kriminali.  Illi sabiex dina d-difiza tista' tirnexxi d-difiza jenhtiegilha tipprova illi kien hemm l-element tal-biza', hasda  jew twerwir li jgibu l-impunita'. Illi l-ebda wahda minn dawn l-elementi ma jirrizultaw mill-provi. Illi ma jirrizultax illi l-imputati kienu qeghdin f'xi hin jibzghu minn Wright tant illi kienu huma li ikkonfrontawhom. Kif diga nghad l-imputata sahansitra kienet ilha minn fil-ghodu tghajjar lil Jannette Wright li juri l-animu li kienet tinsab fih. Lanqas jista' jinghad illi Wright f'xi hin hasduhom jew werwruhom billi waslu fuqhom inaspettatament ghaliex Wright kienu mexjin ghall-affari taghhom u kienu l-imputati li ikkonfrontawhom. Ghalhekk certament ma jistax jinghad illi l-imputati hassew il-bzonn li jiddefendu ruhhom minn xi aggressjoni ingusta, gravi u inevitabbli li kienet qed issir fil-konfront taghhom. Fuq kollox l-imputati setghu facilment jitilqu minn fuq il-post u jidhlu lura f'darhom, anzi setghu fil-att facilment baqghu go darhom fejn kienu minghajr ma kellhom ghalfejn jaffrontaw lill-konjugi Wright. Fil-mument tal-aggressjoni l-imputati b'mod specjali l-imputata, ma kinux imbezza', mahsuda jew imwerwra, izda kienu rrabbjati ghal Wright minhabba l-fatt illi baqghu imorru jippassiggjaw mal-klieb fl-eghlieqi li kienu qed jallegaw li kienu proprjeta taghhom. Ghaldaqstant il-Qorti sejra tiskarta dina l-linja difenzjonali.

Illi l-artikolu 227(c) imbaghad jitkellem dwar  l-iskuzanti tal-provokazzjoni. Fost ir-rekwizti sabiex tapplika dina l-iskuzanti hemm illi l-provokazzjoni trid tkun tali "illi f'nies ta' temperament ordinarju komunement iggib l-effett li ma jkunux kapaci li jqisu l-konsegwenzi tad-delitt." Skond il-Professur Mamo il-provokazzjoni tkun sufficjenti jekk tkun tali li bniedem ta' temperament ordinarju jitlef il-kontroll tieghu. Il-kriterju ghalhekk huwa wiehed oggettiv; il-bniedem ta' temperament ordinarju. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali deciza fl-10 ta' Settembru 2004 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Paul Abela gie deciz:
"Meta tigi biex tqis l-iskuza tal-provokazzjoni ghandha tithares ir-regola migjuba fl-artikolu 235, li jfisser li l-provokazzjoni ma tiswiex jekk ma tkunx saret fil-waqt tal-

azzjoni li taghha tingieb bhala skuza. Pero’ dejjem irid ikun hemm provokazzjoni ingusta … il-gurista Francesco Antolisei in konnessjoni mal-attenwanti generali tal-provokazzjoni jghid hekk: “*la situazione psicologica di cui trattasi … deve essere determinata da un fatto ingiusto altrui. Non occorre che tale fatto costituisca reato e neppure che sia giuridicamente illecito; basta che sia ingiusto dal punto di vista morale. Percio’ l-attenuante dovra’ ammettersi anche di fronte ad un comportamento legittimo che assuma carattere provocatorio per le modalita’ esose o anche semplicemente sconvenienti con cui si effetua, o per ragioni che lo hanno determinato (rancore, odio, vendetta, iattanza, dispetto ecc.) Quanto alla reazione non si richiede che sia proporzionata al fatto ingiusto”* (Antolisei F. Manuale di Diritto Penale – Parte Generale Giuffre Milano 1989 pg.394 -397).”

Illi ghalhekk hemm zewg elementi li jsawru dana l-iskuzanti u cioe’ fl-ewwel lok, il-provokazzjoni trid tkun wahda ingusta u trid tkun oggettivament riskontrabbli u fit-tieni lok trid tkun saret filwaqt tal-azzjoni li taghha tingieb bhala skuza. Illi f’dana l-kaz, wiehed jistaqsi x’seta kienet il-provokazzjoni ingusta – il-fatt illi Jack Wright staqsa lil David Xuereb ghal xi dokumenti biex jivverifika ta’ min kienet il-proprjeta? Illi anke jekk ghal grazzja tal-argument Wright tkellem b’lehen gholi, izda fl-ebda hin ma jidher illi kien aggressiv ghajr ghal fatt illi f’dak il-mument David Xuereb beda jiddejjaq illi Wright kien qed jobzoqlu f’wiccu u ghalhekk imbuttah. Mhux biss imbuttah izda jidher ukoll illi hatfu mill-qmis ghal darbtejn. Illi l-Qorti tistqarr illi ma temminx dak li jghid Xuereb fix-xhieda tieghu u cioe’ illi Wright xejjirlu daqqa ta’ ponn taht ghajnejh. Dan il-fatt johrog biss mix-xhieda tieghu ghaliex fl-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija huwa jghid illi Wright kien ser ixejjirlu daqqa ta’ ponn, izda ma laqtux ghax kien iqsar minnu. Kif lanqas ma jitwemmen meta jghid illi Wright kellu d-demm f’wiccu peress illi waqa’ mal-art u barax wiccu maz-zrar li kien hemm! M’hemmx dubbju illi l-griehi li sofra Jack Wright kienu konsegwenza tad-daqqiet li qala mill-imputat David Xuereb u martu Veneranda Xuereb li kompliet isawtu meta kien mal-art bil-lasta tal-ixkupa. Illi ghalhekk il-verzjoni moghtija mill-konjugi Wright hija wahda iktar

verosimili u attendibbli. Kwindi lanqas dina l-iskuzanti ma ssib applikazzjoni ghal dana l-kaz.

Illi kif diga nghad il-konjugi Xuereb kienu rrabjati u urtati ghall-fatt illi Wright kienu baqghu johorgu l-klieb ihamgu fl-eghlieqi taghhom. Jidher illi kienu ghassa ghalihom kull darba li jarawhom jaghmlu dan tant illi f'dik l-ghodwa kienet it-tielet darba illi Wright hargu l-klieb taghhom. Il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma illi hawn David Xuereb mar sabiex jaffronta lil Wright fuq dana l-fatt u spiccaw jaggreduhom.

Illi ma hemmx dubbju illi Jannette Wright ukoll sofriet griehi ta' natura hafifa f'dana l-incident meta hija giet aggredita wkoll mill-imputata Veneranda Xuereb filwaqt li din kienet qed tipprova tissara maghha biex tehdilha l-ixkupa minn idejha biex b'hekk ma tkomplix issawwat lil zewgha.

Dwar l-akkuza tal-hsara volontarja ghandu jinghad illi ghalkemm jidher illi fl-incident il-parti leza sofriet hsara f'nuccali, gizirana u qmis u anke gew esebiti xi ricevuti u ritratti li juru dina l-hsara madanakollu l-istess ma gewx ikkonfermati bil-gurament u ghalhekk tonqos il-prova dwar l-ammont tal-hsara ikkagjonata. Il-Qorti madanakollu qed tillikwida l-ammont ta' danni *arbitrio buone viri* fl-ammont ta' €500.

Illi dwar l-akkuza tar-recidiva, dina ma tirrizultax ippruvata billi l-ebda sentenza ma giet esebita mill-prosekuzzjoni izda fuq kollox l-artikoli tal-ligi in konnessjoni mal-istess ma gewx indikati fin-nota ta' rinviju ghall- gudizzju tal-Avukat Generali u kwindi l-Qorti ser tillibera lill-imputati minn dina l-akkuza.

Illi dwar ir-reati ta' natura kontravvenzjonali a tenur tal-artikoli 338(dd) u 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta dawn jirrizultaw ampjament ippruvati billi ma hemmx dubbju illi l-imputati kissru l-bon ordni u paci pubblika meta huma aggredew lill-koppja Wright f'nofs ta' triq pubblika u anke ikkagunawlhom xi griehi, kif tirrizulta wkoll

l-akkuza dwar l-ingurja u l-hebb fil-konfront tal-istess konjugi Wright kif gie specifikat iktar 'il fuq.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 214, 215, 216(1)(a)(d)(2), 338(dd), 339(1)(d), 221(1), 325(1)(b), 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib **lill-imputata Veneranda Xuereb** hatja tar-reat tal-offiza gravi fuq il-persuna ta' Jack William Wright, ir-reat tal-offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Jannette Teresa Gloria Violet Wright, tar-reat tal-hsara volontarja ghad-dannu ta' Jannette Teresa Gloria Violet Wright u tar-reati ta' natura kontravvenzjonali a tenur tal-artikoli 338(dd) u 339(1)(d) u tikkundannaha ghal perijodu ta' sitt xhur prigunerija li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta dana l-perijodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sena mil-lum; u fil-konfront tal-**imputat David Xuereb**, il-Qorti qed issibu hati tar-reat tal-offiza hafifa fuq il-persuna ta' Jack William Wright kif ukoll tal-akkuzi kontravvenzjonali a tenur tal-artikoli 338(dd) u 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' €100.

Il-Qorti qed twissi lill-hatja Veneranda Xuereb bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk hija tikkometti reat iehor matul il-perijodu operattiv ta' dina s-sentenza.

Il-Qorti tordna lil hatja Venerenda Xuereb thallas lill-parti leza Jannette Teresa Gloria Violet Wright is-somma ta' €500 u dana fi zmien sitt xhur mil-lum.

Finalment wara li rat l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta torbot lil hatja David u Veneranda Xuereb b'garanzija taht penali ta' €500 sabiex bl-ebda mod ma jimmolestaw lill-parti leza Jack William Wright u Jannette Teresa Gloria Violet Wright u dana ghal zmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------